# MALTA

## QORTI CIVILI
## PRIM'AWLA

## ONOR. IMHALLEF
## SILVIO MELI

**LL.D.; Dip. Stud. Rel.; Dip. Can. Matr. Jur. & Proc.;**
**Cert. Jur. & H.R. (Strasbourg);**
**P.G. Dip. European Competition Law (King's College, London),**
**P.G. Dip. European Law (King's College, London).**

**Illum it-22 ta' Novembru, 2017.**

**Rikors Numru 269/2017 SM**

**Simonds Farsons Cisk p.l.c.**
**(C-113)**

**vs.**

**Silvio Sciberras (I.D. No. 390489 M) u**
**Lucjan Sciberras (I.D. No. 219855 M)**

Il-Qorti,

1.0. Rat ir-rikors guramentat promotur datat is-27 ta' Marzu, 2017, li permezz tieghu r-rapprezentant tas-socjeta` rikorrenti sintetikament esponiet is-segwenti, (ara foll 1):

1.1. Illi fil-perjodu bejn l-4 ta' Frar, 2016, u l-1 t'Ottubru, 2016, fuq ordni tal-istess intimati, bieghet u

kkonsenjatilhom prodotti tax-xorb a bazi ta' "credit application form", (ara foll 4);

1.2. Illi kif jirrizulta mill-istess fattura rilaxxata mis-socjeta` rikorrenti lill-intimati, dawn tal-ahhar ghandhom ihallsu lis-socjeta` *de quo* l-ammont ta' erbgha u sittin elf u wiehed u disghin euro u erbgha u hamsin centezmu, (€64,091.54), (ara foll 6);

1.3. Illi dan l-ammont hekk rikjamat mis-socjeta` rikorrenti hu cert, likwidu u dovut, u ghalhekk jissussistu r-rekwiziti kollha naxxenti mill-artikli 167 sa 170 tal-Kap 12 tal-Ligijiet ta' Malta, (minn issa 'l quddiem Kap 12), *stante* li m'ghandhom l-ebda eccezzjoni valida x'jipproponu;

1.4. Illi ghaldaqstant aderiet din il-qorti biex din:

1.4.1. Tiddeciedi l-kawza bid-dispensa tas-smigh *ai termini* tal-artikli 167 et *seq.* tal-Kap 12;

1.4.2. Tiddikjara li l-intimati ghandhom jaghtu l-ammont ta' €64,091.54 lis-socjeta` rikorrenti, oltre l-imghaxijiet kummercjali sad-data tal-effettiv pagament;

1.4.3. Tikkundanna lill-intimati jhallsu s-somma u imghaxijiet indikati fil-paragrafu precedenti lis-socjeta` rikorrenti;

1.4.4. Bl-ispejjez u bl-imghaxijiet kummercjali dekorribbli mill-31 ta' Jannar, 2017, data tal-ittra ufficjali, sad-data tal-effettiv pagament;

2. Rat id-digriet taghha datat id-29 ta' Marzu, 2017, li permezz tieghu appuntat l-istess rikors guramentat promotur ghas-smigh ghall-udjenza hemm indikata, (ara foll 8);

3. Rat in-nota datata l-20 ta' Gunju, 2017, li permezz taghha l-intimati ammettew it-talbiet dedotti mis-socjeta` rikorrenti fil-konfront taghhom, (ara foll 14);

Ikkunsidrat:

4.0. Illi a bazi tal-istess ammissjoni tal-intimati kif indikata fil-paragrafu precedenti, din il-qorti, tqis li s-socjeta` rikorrenti ppruvat il-kaz taghha skont il-ligi, u konsegwentement:

**DECIDE:**

4.1. Tiddikjara li l-intimati ghandhom jaghtu l-ammont ta' €64,091.54 lis-socjeta` rikorrenti oltre l-imghaxijiet kummercjali involuti;

4.2. Tikkundanna lill-istess intimati jhallsu s-somma u imghaxijiet indikati fil-paragrafu precedenti lis-socjeta` rikorrenti;

4.3. Bl-ispejjez, u bl-imghaxijiet kummercjali dovuti, dekorribbli mill-31 ta' Jannar, 2017, data tal-ittra ufficjali, sad-data tal-pagament effettiv.

Onor. Imhallef Silvio Meli

**DECIZJONI FINALI**